MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Numru. 494/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs.**

**Antoine Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti bid-digriet ta' dina l-Qorti tal-15 ta' Dicembru 2008 - migjuba kontra:

Antoine Ellul ta' 24 sena, bin Edgar u Jane nee' Farrugia, mwieled Pieta' nhar l-20 ta' Jannar 1982, residenti 11 St. Matthew Street Qrendi, detentur tal-karta ta' l-identita' nru: 75382(M).

Akkuzat:

1. talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' April, 2006 u fis-seba' xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ukoll talli fit-23 ta' April, 2006 minghajr l-awtorita' legittima dahhal jew ippruva jdahhal f'xi parti tal-Konfini tal-Habs, u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, oggetti jkun li jkun u specifikatament medicina perikoluza (Droga Resina tal-Kannabis) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2), tal-Kap 260 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

1. Fit-23 t'April 2006, l-imputat mar izur habib tieghu fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, u waqt tfittxija li saret fuqu instabet bicca resina tal-cannabis fil-but tal-qalziet tieghu.
2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal li l-ahhar li pejjep joint kien tminn (8) xhur qabel fil-festa ta' Lourdes, il-Qrendi. Dak in-nhar huwa kien inqabad mill-Pulizija u tressaq il-Qorti fuq pussess

tad-droga. Id-droga li nstabet fil-qalziet tieghu kienet parti mid-droga li kien qed ipejjep meta nqabad mill-Pulizija, pero l-Pulizija ma kienux sabulu din il-bicca resina, ghax sabu bicca ikbar fil-karozza. Hu zied jghid li din il-bicca resina kien insiha fil-but tal-qalziet u ma kienx jaf li kienet fuqu meta dahal il-habs.[1]

3. Mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat kien inqabad fil-pussess tar-raza tal-cannabis fl-4 ta' Lulju 2004 il-Buskett, u kawza tieghu giet deciza fil-11 ta' Lulju 2005.
4. Skont ix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut, ir-resina tal-cannabis li instabet fuq l-imputat kellha piz ta' 0.37 grammi, purita ta' 8%, li hija *street level*, u ma kienitx friska.[2]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Istqarrija tal-Imputat Antoine Ellul*

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 dwar l-istqarrija tal-imputat, u cioe li din l-istqarrija ghandha tigi skartata, stante li l-istqarrija tal-imputat odjern ittiehdet meta ma kienx hawn il-possibilita li l-imputat jiehu parir legali qabel l-interrogatorju u dan skont l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza "Il-Pulizija vs Alvin Privitera" deciza fil-11 t'April 2011 u sentenzi ohra fl-istess sens.[3]

Fis-sentenza ta' **Charles Steven Muscat vs. Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

[1] Ara stqarrija tal-imputat ezebita bhala Dok PG1 a fol. 37 tal-process.
[2] Ara xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut a fol. 42 *et seq.* tal-process.
[3] Ara verbal fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 a fol. 52 tal-process.

Fil-kaz ta’ **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta’ prigunerija fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta’ interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta’ vulnerabilita’ hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa’ sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta’ jaghmilha minghajr konsegwenzi ta’ xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta’ smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta’ **Salduz**[4]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[5]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta’ zbilanc u nuqqas ta’ ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista’ facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta’ intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f’mohh il-persuna arrestata tant li f’dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f’cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[6]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta’ Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *“Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta’ avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f’pożizzjoni ta’ vulnerabilita, djgħufija jew biża’ illi l-esperjenza ta’ interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta’ avukat kellha influwenza fuqu hekk li*

[4] Deciz fis-27 ta’ Novembru 2008.
[5] Deciz fil-11 ta’ April 2011.
[6] Ara ittra ta’ Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta’ Novembru 2012.

*ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[7], **Il-Pulizija vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[8], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[9] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[10]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Antoine Ellul kellu 24 sena. Huwa diga kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija fuq pussess semplici tar-rezina tal-cannabis. L-imputat ma kienx minorenni u lanqas allega li kien ibati minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment seta' jkun intimidat bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputat seta' stqarr htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputat gie mgharraf bid-dritt tieghu li jibqgha sieket u ma jwiegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrija ittiehdet fil-21 ta' April 2006, kien biss fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, li l-imputat issolleva l-kwistjoni li l-istqarrija tieghu ttiehdet minghajr ma kellu assistenza legali. Matul dawn is-sitt snin, l-imputat qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija tieghu jew li jichad il-kontenut taghha. Dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed ihossu illi tqieghed taht zvantagg ingust bl-istqarrija tieghu li, wara kollox, ghamilha liberament.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2009, gie verbalizzat hekk *"Id-difiza qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' lix-xhud dwar il-volontarjeta tal-istqarrija."*[11] Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali

[7] *Per* Imhallef David Scicluna.
[8] *Per* Imhallef David Scicluna.
[9] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[10] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[11] Ara fol. 28 tal-process.

(sede Inferjuri)[12] irriteniet hekk: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` tal-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` tal-istqarrija tal-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

In oltre, fil-kaz odjern l-imputat ghazel li jixhed u l-abbli difensur tieghu qralu l-istqarrija. Fit-trattazzjoni orali l-abbli difensur jissottometti hekk *"Issa tghidli l-qorti inti qrajtlu l-istatement. Kull ma ghamilt huwa jekk rrilaxxajtx dak l-istatement. Ma ghidtlux qed tammetti hawn li dak kollu li ghidt, fil-fatt qatt ma ghidtlu inti qed tikkonferma dan? Kull ma ghidtlu jiena, qrajtlu l-istatement. Jigifieri affermajt dak li hemm fl-istatement."*[13] Pero anke jekk wiehed kellu jaccetta l-argument tad-difiza, jidher li l-abbli difensur sfuggielu l-fatt li wara li spicca jaqra l-istatement, din il-Qorti ghamlet is-segwenti domanda lill-imputat:

*"Qorti: Inti dak li ghadu kemm qralek l-avukat tikkonfermah?*

*Xhud: Iva."*[14]

Ghaldaqstant, fil-kaz odjern l-imputat, debitament assistit mid-difensur tieghu, volontarjament ikkonferma l-kontenut tal-istqarrija quddiem din il-Qorti. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax tifhem kif issa l-imputat jippretendi li din il-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija tieghu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrija tal-imputat.

<u>*Il-Meritu*</u>

---

[12] *Per* Imhallef David Scicluna.
[13] Ara trattazzjoni finali tad-difiza a fol. 62-63 tal-process.
[14] Ara xhieda tal-imputat a fol. 48 tal-process.

Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-ispjegazzjoni li l-imputat ta ghalfejn instabet dik il-bicca rezina tal-cannabis fil-but tal-qalziet tieghu, din il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli l-verzjoni tal-fatti minnu moghtija. Din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghal tlett ragunijiet:

1. Persuna li ghandha intenzjoni iddahhal id-droga l-habs, certament mhux se tpoggi d-droga fil-but tal-qalziet, fejn facilment tinstab waqt semplici tfittxija. Min irid idahhal id-droga l-habs juza metodi hafna iktar innovativi u immaginattivi sabiex jaghmel dan minghajr ma jinqabad.
2. Mix-xhieda tax-Xjenzat Godwin Sammut, ir-resina tal-cannabis in kwistjoni hija wahda antika, u dan jikkorrabora l-verzjoni tal-imputat li hu kien nesiha fil-but tal-qalziet.
3. L-ammont ta’ rezina involuta huwa wiehed zghir – 0.37 grammi, li hi hafifa hafna. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax teskludi fuq bazi ta’ probabbilita li jekk din ir-rezina nizlet fit-tarf tal-but tal-qalziet taf baqghet hemm, minkejja li l-qalziet seta nhasel diversi drabi.

Huwa vera li fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li hu kien inqabad bil-pussess tar-resina tal-cannabis tminn (8) xhur qabel u tressaq il-Qorti, u dan ma hux korrett. Kif inghad mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat inqabad mill-pulizija fl-4 ta’ Lulju 2004, u gie ikkundannat kwazi sena wara b’sentenza tal-11 ta’ Lulju 2005. Pero, l-Qorti ma tistax teskludi minghajr dubbju ragonevoli, li dan kien dovut ghal zball genwin tal-imputat peress li tfixkel id-data ta’ meta inqabad fil-pussess tad-droga, mad-data li fiha gie ikkundannat minn din il-Qorti, li kien kwazi sena wara.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, il-Prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------